# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Mejju 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex nicħdu l-kultura tal-indifferenza u nieħdu ħsieb ta' min ibati, speċjalment il-morda u l-fqar.**

**Ninġabar:**

Insib ambjent kwiet u pożizzjoni komda biex inħejji ruħi għat-talb. Insir konxju ta' dak li għaddej fija: inħossni bla sabar, anzjuż, inkwetat? Jekk hu hekk, nipprova nikkalma. Nieħu nifs fil-fond waqt li nagħraf li Alla qed iħares lejja u lejn ta' madwari b'għajnejn ta' mħabba.

**Fatt ċkejken:**




Hekk kif fetħet għajnejha, Ċensa sabet ruħha fuq sodda fl-isptar. Malli lemħet l-ewwel infermiera, kienet pronta saqsiet x'ġaralha. L-infermiera spjegatilha kif kienet tatha puplesija waqt li kienet miexja lejn id-dar. Din l-aħbar kienet iċ-ċirasa fuq il-kejk. Ċensa kienet għadha kif tilfet lil żewġha ftit ġimgħat qabel, u binha spiċċa bla xogħol. Il-finanzi kienu f'qagħda kritika, minkejja li Ċensa kienet mara għaqlija u tfaddal li tista'. Il-ftit flus imġemmgħa li kellha kienet użathom biex issewwi xi ħsarat fis-soqfa tad-dar. Issa lanqas tista' tkompli b'xogħolha minħabba li l-puplesija ħallietha b'nofs ġisimha pparalizzat.

Minkejja li Ċensa ħadmet kemm felħet mat-terapisti biex terġa' tieħu l-indipendenza tagħha, xorta ma rnexxilhiex minħabba xi komplikazzjonijiet mediċi. It-terapisti ssuġġerew xi apparat li jkollha bżonn għal meta tirritorna d-dar. Imma dan l-apparat kien ifisser ħafna iktar minn ewro jew tnejn.

Ċensa kienu ta' spiss iżuruha l-ġirien. Martha kienet anke toħdilha xi ftit minestra u frott frisk. Darba minnhom, Martha tat envelopp lil Ċensa u talbitha tiftħu. Fih kien hemm ċekk bl-ammont ta' flus li Ċensa kellha bżonn biex tixtri l-apparat meħtieġ. Ma riditx temmen! Martha kienet daret ir-raħal u saqsiet lin-nies biex jgħinu lil Ċensa wara li spjegathielhom is-sitwazzjoni ta' Ċensa.

**Naħseb ftit:**

Naf b'xi persuna li tinsab marida u għandha bżonn is-sapport?
Naf b'xi persuna li qed tesperjenza xi tip ta' faqar – faqar finanzjarju jew faqar soċjali?
Kif nirrispondi għal sitwazzjonijiet bħal dawn?

**Nitlob:**

Nitolbuk Mulej għal kull min hu għaddej minn xi mard jew esperjenza ta' faqar biex toffrilu r-riżorsi meħtieġa.

**Kliem ta' dawl:**

Ġest ta' mħabba jista' jilħaq ferita li l-kompassjoni biss tista' tfejjaq.

*Steve Maraboli*

**X'nista' nagħmel:**

Matul din il-ġimgħa nitlob għal xi persuna li naf li hi marida.
Inżur lil xi persuna li naf li qed tesperjenza faqar soċjali għax tgħix waħedha u ma għandhiex ħbieb.
Nara jekk nistax ngħin lil xi ħadd li għandu bżonn xi riżorsi materjali.